## ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar il-funzjonijiet tal-Membri Parlamentari*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtoritá tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att tal-2013 li Jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Funzjonijiet tal-Membri Parlamentari. Titolu fil-qosor.

**2.** Fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu 13 tat-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika l-kliem "il-Ministru responsabbli" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Ministru jew xi Membru ieħor tal-Kamra tad-Deputati li jkun responsabbli". Emenda tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Kap. 396

**3.** Is-subartikolu (5) tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. Kap. 421.

"(5) Persuna ma tkunx eliġibbli li tkun membru tal-Kunsill jekk tkun instabet ħatja ta' xi:

(a) delitt kontra l-proprjetà u s-sigurtà pubblika;

(b) delitt kontra l-fiduċja pubblika;

(ċ) delitt kontra l-kummerċ pubbliku; jew

(d) delitt taħt l-Att dwar id-Deskrizzjonijiet Kummerċjali.". Kap. 313.

Emenda tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Kap. 424

**4.** Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol il-kliem "jew Membru tal-Kamra" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi. Kap. 442

**5.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 4 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) L-ebda persuna ma għandha tiġi maħtura jew tibqa' membru tal-Bord jekk tkun uffiċjal jew membru ta' xi soċjetà jew tal-organizzazzjoni *Apex*.".

Emenda tal-Att dwar l-Isports. Kap. 455

**6.** Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Isports għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (b), (ċ), (d), (e) u (f) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) rispettivament.

Emenda tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta. Kap. 463

**7.** Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (7) tal-artikolu 10 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (b), (ċ), (d), (e) u (f) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) rispettivament.

Emenda tal-Att dwar l-Ilsien Malti. Kap. 470

**8.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att dwar l-Ilsien Malti għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-ebda persuna ma tkun kwalifikata tkun membru tal-Kunsill jew ta' xi wieħed mill-organi tiegħu jekk tkun Imħallef jew Maġistrat.".

Emenda tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta. Kap. 478

**9.** Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (b) u (ċ) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (a) u (b) rispettivament.

Emenda tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Kap. 481

**10.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika għandu jiġi mħassar u s-subartikoli (3) u (4) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) rispettivament.

---

## Għanijiet u raġunijiet

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-abbozz huma sabiex jiġu emendati diversi liġijiet sabiex jitneħħew restrizzjonijiet għall-qadi ta' ċerti funzjonijiet speċifici mill-Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

**A Bill**
**entitled**

*An Act to amend various laws relating to the functions of Members of Parliament*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The title of this Act is the Functions of Members of Parliament (Various Laws) Amendment Act, 2013. Short title.

**2.** In sub-paragraph (ii) of paragraph 13 of the Second Schedule to the Auditor General and National Audit Office Act the words "the Minister responsible" shall be substituted by words "the Minister or any another Member of the House of Representatives responsible". Amendment to the Auditor General and National Audit Office Act. Cap. 396.

**3.** Sub-article (5) of article 4 of the Malta Crafts Council Act shall be substituted by the following: Amendment to Malta Crafts Council Act. Cap. 421.

"(5) A person shall not be eligible to be a member of the Council if he has been convicted of any:

(a) crime against property and public safety;

(b) crime against public trust;

(c) crime against public trade; or

(d) offence under the Trade Descriptions Act." Cap. 313.

Amendment to the Occupational Health and Safety Authority Act. Cap. 424.

**4.** In paragraph (a) of sub-article (5) of article 8 of the Occupational Health and Safety Authority Act the words "or a member of the House" shall be deleted.

Amendment to the Co-operative Societies Act. Cap. 442.

**5.** Sub-article (3) of article 4 of the Co-operative Societies Act shall be substituted by the following:

"(3) No person shall be appointed or shall remain a member of the Board if that person is an officer or member of any society or the Apex organization.".

Amendment to the Sports Act. Cap. 455.

**6.** Paragraph (a) of sub-article (6) of article 4 of the Sports Act shall be deleted and paragraphs (b), (c), (d), (e) and (f) shall be re-numbered as paragraphs (a), (b), (c), (d) and (e) respectively.

Amendment to the Malta Enterprise Act. Cap. 463

**7.** Paragraph (a) of sub-article (7) of article 10 of the Malta Enterprise Act shall be deleted and paragraphs (b), (c), (d), (e) and (f) shall be re-numbered as paragraphs (a), (b), (c), (d) and (e) respectively.

Amendment to the Maltese Language Act. Cap. 470

**8.** Sub-article (2) of article 9 of the Malta Language Act shall be substituted by the following:

"(2) No person shall be qualified to be a member of the Council or of any of its organs if he is a Judge or Magistrate.".

Amendment to the Malta Film Commission Act. Cap. 478

**9.** Paragraph (a) of sub-article (5) of article 3 of the Malta Film Commission Act shall be deleted and paragraphs (b) and (c) shall be re-numbered as paragraphs (a) and (b) respectively.

Amendment to the Domestic Violence Act. Cap. 481

**10.** Sub-article (2) of article 3 of the Domestic Violence Act shall be deleted and sub-article (3) and (4) shall be re-numbered as paragraphs (2) and (3) respectively.

## Objects and reasons

The objects and reasons of this Bill are to amend various laws to remove restrictions upon the performance of certain specific functions of the Members of the House of Representatives.